# IT-TASSAZZJONI INDIRETTA

It-taxxi indiretti jinkludu t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u d-dazji tas-sisa fuq l-alkoħol, it-tabakk u l-enerġija. Is-sistema komuni tal-VAT hija ġeneralment applikabbli għall-merkanzija u s-servizzi mixtrija u mibjugħa għall-użu jew għall-konsum fl-UE. Id-dazji tas-sisa jiġu imposti fuq il-bejgħ jew l-użu ta' prodotti speċifiċi. L-attivitajiet leġiżlattivi tal-UE għandhom l-għan li jikkoordinaw u jarmonizzaw il-liġi tal-VAT u jarmonizzaw id-dazji fuq l-alkoħol, it-tabakk u l-enerġija bil-għan li jiżguraw il-funzjonament xieraq tas-suq intern.

## 1. IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (VAT)

**A.** Il-bażi ġuridika

L-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**B.** L-iżvilupp

L-armonizzazzjoni tal-VAT saret fi stadji varji bil-ħsieb li tinkiseb trasparenza fil-kummerċ fi ħdan l-Unjoni. Fl-1970, ittieħdet id-deċiżjoni li l-baġit tal-Komunità Ekonomika Ewropea jiġi ffinanzjat mir-riżorsi proprji tal-Komunitajiet. Dawn kellhom jinkludu pagamenti bbażati fuq proporzjon tal-VAT u jinkisbu bl-applikazzjoni ta' rata komuni tat-taxxa fuq bażi uniformi ta' valutazzjoni. Id-Direttiva tal-VAT (2006/112/KE) adottata fl-2007 tikkodifika dawn l-emendi f'att legali uniku.

Fl-1985, il-Kummissjoni ppubblikat il-"White Paper dwar is-Suq Intern" (COM(1985)0310), li t-tielet taqsima tagħha kienet tikkonċerna t-tneħħija ta' ostakli fiskali. Il-bżonn ta' azzjoni fil-qasam tal-VAT irriżulta mill-"prinċipju tal-post ta' destinazzjoni".

**C.** Il-kisbiet

**1.** Is-sistema tal-VAT

**a.** Is-sistema tranżitorja

Fl-1987, il-Kummissjoni pproponiet bidla lejn il-"prinċipju tal-post ta' oriġini", li jistabbilixxi li t-taxxa diġà imposta fil-pajjiż ta' oriġini fuq tranżazzjonijiet bejn Stati Membri tkun tista' titnaqqas min-negozjanti bħala taxxa mis-sors. Apparti dan, il-Kummissjoni pproponiet il-ħolqien ta' sistema tal-ikklerjar sabiex il-VAT miġbura fil-pajjiżi ta' oriġini tiġi riallokata lill-pajjiżi tal-konsum. Dawn il-proposti, madankollu, ma kinux aċċettabbli għall-Istati Membri. Huma ddefinew, bħala alternattiva, il-prinċipju tal-post ta' destinazzjoni għal tranżazzjonijiet li jinvolvu negozjanti b'reġistrazzjoni tal-

VAT, u b'hekk inħolqot il-bażi għas-sistema tranżitorja, li saret operattiva fl-1993 (id-Direttivi 91/680/KEE u 92/111/KEE).

**b.** Strateġija vijabbli biex tittejjeb is-sistema kurrenti

Mis-sena 2000 'il quddiem, il-Kummissjoni ħadmet fuq miżuri għal titjib tar-regoli ta' tranżizzjoni li kienu fis-seħħ dak iż-żmien. It-test leġiżlattiv ċentrali tal-UE dwar il-VAT issa huwa d-Direttiva tal-VAT (2006/112/KE). Warajha kien hemm, fl-2008, id-Direttivi 2008/8/KE u 2008/9/KE. Minn hawn 'il quddiem, il-VAT fuq il-forniment ta' servizzi bejn negozjanti ġiet imposta fil-pajjiż fejn is-servizz jiġi pprovdut.

Fl-2005 ġew stabbiliti s-sisien għall-applikazzjoni aktar uniformi tad-dispożizzjonijiet tal-UE (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011). L-Istati Membri issa kellhom il-possibilità li japplikaw regoli speċjali biex jissimplifikaw l-applikazzjoni tal-VAT. Is-sistema ġiet imtejba bl-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 37/2009 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, sabiex tiġi miġġielda l-frodi fiskali marbuta ma' tranżazzjonijiet intra-Komunitarji.

**2.** Ir-rati tal-VAT

Id-Direttiva 92/77/KEE pprevediet rata standard minima ta' 15%, li kellha tiġi riveduta kull sentejn. Il-Kunsill, sussegwentement, estenda l-perjodu ta' validità tar-rata minima sa tmiem l-2017. Barra minn hekk, l-Istati Membri setgħu japplikaw rata waħda jew żewġ rati mnaqqsa ta' minimu ta' 5% għal ċerta merkanzija u ċerti servizzi. L-Istati Membri setgħu jkomplu japplikaw rati taħt il-minimu (inkluż żero) fuq merkanzija u servizzi li kienu diġà stabbiliti qabel l-1 ta' Jannar 1991. Fl-2009 ġiet adottata d-Direttiva 2009/47/KE dwar rati mnaqqsa tat-taxxa fuq il-valur miżjud għal ċerti servizzi lokali b'xogħol intensiv. Fl-2016, il-Kummissjoni adottat proposta għal direttiva tal-Kunsill biex jiġu applikati l-istess rati tal-VAT għal pubblikazzjonijiet ipprovduti elettronikament kif l-Istati Membri fil-preżent japplikaw għal pubblikazzjonijiet stampati. Il-Parlament approva l-proposta tal-Kummissjoni f'Ġunju 2017. F'Jannar 2018, il-Kummissjoni adottat proposta dwar ir-riforma tar-rati tal-VAT (COM/2018/20). Il-proposta għandha l-għan li żżid il-flessibilità billi tippermetti lill-Istati Membri jibbenefikaw minn rati mnaqqsa jew rati żero kif kienu jeżistu fi Stati Membri oħra.

**3.** L-iżviluppi reċenti

Fl-2010, il-Kummissjoni ppubblikat Green Paper dwar il-futur tal-VAT (COM(2010)0695). L-għan kien li tinbeda diskussjoni dwar is-sistema tal-VAT. Fl-2012, il-Kummissjoni ħatret grupp ta' esperti dwar il-VAT ("Kumitat tal-VAT"), li jippubblika linji gwida regolari.

Fis-7 ta' April 2016 il-Kummissjoni ppreżentat Pjan ta' Azzjoni dwar il-Modernizzazzjoni tas-Sistema tal-VAT fl-UE. Dan il-Pjan jiddefinixxi l-prinċipji li jistgħu jirregolaw sistema Ewropea tal-VAT unika għall-futur, miżuri fuq żmien qasir biex tiġi miġġielda l-frodi tal-VAT, pjanijiet għal bidla radikali tal-arranġamenti għal rati tal-VAT imnaqqsa u proposti għas-simplifikazzjoni tar-regoli tal-VAT, u jħabbar pakkett tal-VAT li jinkorpora miżuri bil-għan li jagħmlu l-ħajja aktar faċli għall-SMEs. L-aspett ċentrali tal-pjan huwa l-bidla proposta lejn il-prinċipju tal-pajjiż ta' destinazzjoni għat-trasport transfruntier ta' merkanzija. Fuq din il-bażi, il-VAT titħallas mill-esportatur f'dak l-Istat Membru fejn il-

merkanzija tiġi konsenjata. Bħala l-ewwel pass, il-prinċipju japplika biss għal konsenji B2B. Il-pjan ta' azzjoni jipprevedi wkoll żewġ modi kif tingħata aktar flessibilità fl-introduzzjoni ta' rati mnaqqsa min-naħa tal-Istati Membri.

Mill-2017, il-Kummissjoni ppreżentat għadd ta' proposti leġiżlattivi li jirriżultaw mill-Pjan ta' Azzjoni. F'Ġunju 2018, il-Kunsill adotta direttiva li stabbiliet rata ta' VAT standard minima permanenti ta' 15%. F'Diċembru 2018, il-Kunsill adotta atti leġiżlattivi dwar: (i) "soluzzjonijiet ta' malajr" biex jittejjeb il-funzjonament tas-sistema kurrenti tal-VAT sakemm tidħol fis-seħħ is-sistema l-ġdida; (ii) VAT fuq pubblikazzjonijiet elettroniċi; u (iii) kooperazzjoni amministrattiva transfruntiera fil-qasam tal-VAT. Diversi proposti oħra tal-Kummissjoni qed jiġu diskussi fil-Kunsill.

**D.** Ir-rwol tal-Parlament Ewropew

F'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-VAT, ir-rwol tal-Parlament huwa limitat għall-proċedura ta' konsultazzjoni. Fl-2014, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward ta' denunzja standard tal-VAT (aktar tard irtirata). Fl-24 ta' Novembru 2016, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni, u b'hekk laqa' l-intenzjoni li tiġi proposta sistema definittiva tal-VAT u miżuri addizzjonali biex tiġi indirizzata l-frodi. F'Marzu 2019, il-Parlament adotta rapport li joħroġ mill-ħidma tal-Kumitat Speċjali dwar ir-reati finanzjarji, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa (TAX3), li jirrifletti dwar għadd ta' kwistjonijiet relatati mal-VAT.

## 2. ID-DAZJI TAS-SISA FUQ L-ALKOĦOL, IL-PRODOTTI TAT-TABAKK U L-ENERĠIJA

**A.** Il-bażi ġuridika

L-Artikolu 113 tat-TFUE u, fir-rigward tat-tassazzjoni tal-enerġija, l-Artikolu 192 tat-TFUE, sabiex jinkisbu l-objettivi stabbiliti tal-Artikolu 191 tat-TFUE.

**B.** L-objettivi

Ir-rati u l-istrutturi tad-dazji tas-sisa jvarjaw bejn l-Istati Membri u dan jaffettwa l-kompetizzjoni. Diskrepanzi kbar ħafna fit-taxxi fuq prodott partikolari jistgħu jirriżultaw f'movimenti ta' merkanzija minħabba t-taxxa, it-telf ta' dħul u frodi. Mill-bidu tas-sebgħinijiet saru tentattivi biex ikunu armonizzati kemm l-istrutturi kif ukoll ir-rati, iżda bilkemm sar progress.

**C.** Il-kisbiet

**1.** Regoli ġenerali

Bid-Direttiva 2008/118/KE dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa ġew stabbiliti arranġamenti ġenerali għall-prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa, bil-għan li jkun iggarantit il-moviment ħieles tal-merkanzija, u b'hekk anki l-funzjonament mingħajr ostakli tas-suq intern tal-UE. F'Mejju 2018, il-Kummissjoni pproponiet riformulazzjoni tad-Direttiva 2008/118/KE.

## 2. L-alkoħol

Kwistjoni fundamentali b'relazzjoni mat-tassazzjoni tal-alkoħol kienet sa liema punt prodotti differenti huma f'kompetizzjoni. Il-Kummissjoni (COM(1979)0261) u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-Każ 170/78, ECR 1985) tradizzjonalment huma tal-fehma li x-xarbiet alkoħoliċi kollha xi ftit jew wisq huma sostitwibbli għal xulxin u huma f''kompetizzjoni. Id-Direttiva 92/83/KEE, li permezz tagħha ġie stabbilit fuq liema prodotti għandu jinġabar id-dazju tas-sisa u b'liema mod, ġiet adottata fl-1992. Imbagħad segwiet Direttiva importanti oħra, 92/84/KEE. Proposta għal direttiva li temenda d-Direttiva 92/84/KEE (approssimazzjoni tar-rati tat-taxxa tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku) ġiet irtirata f'Marzu 2015, wara li l-Kunsill naqas milli jilħaq ftehim dwar dan is-suġġett.

Fil-qafas tal-pjattaforma tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT), il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni tad-Direttiva 92/83/KEE, u, f'Mejju 2018, għamlet proposta għall-emenda tad-Direttiva.

## 3. Il-prodotti tat-tabakk

L-istruttura bażika tad-dazji tas-sisa fuq it-tabakk ġiet miġbura f'Direttiva kkonsolidata (2011/64/UE). B'kuntrast mal-proposti oriġinali tal-Kummissjoni, ġew stabbiliti biss rati minimi. Jeżistu diversi kategoriji għall-prodotti tat-tabakk taxxabbli. It-taxxi fuq is-sigaretti jridu jinkludu rata proporzjonali (*ad valorem*) flimkien ma' dazju tas-sisa speċifiku. Prodotti oħra tat-tabakk huma soġġetti għal dazju tas-sisa *ad valorem*, speċifiku jew dak magħruf bħala mħallat.

Fuq linji simili għad-dazji tas-sisa fuq l-alkoħol, l-evalwazzjoni tar-REFIT irriżultat f'opportunitajiet għar-reviżjoni tad-direttiva rilevanti dwar il-prodotti tat-tabakk. Il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni tagħmel il-ħidma preparatorja għal proposta leġiżlattiva eventwali. F'Jannar 2018, wara li wettqet valutazzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tipproponix reviżjoni jew emenda tad-Direttiva (2011/64/EU) minħabba nuqqas ta' data.

## 4. Il-prodotti tal-enerġija (żjut minerali, gass, elettriku, enerġija alternattiva, fjuwil tal-avjazzjoni)

L-istruttura bażika tad-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali fil-Komunità ġiet stabbilita fl-1992. Hawnhekk ukoll, bħal fil-każ tal-alkoħol u t-tabakk, ġew stabbiliti biss rati minimi, b'kuntrast mal-pjanijiet oriġinali (armonizzazzjoni sħiħa). Verżjoni mibdula estensivament tal-proposti tal-Kummissjoni tal-1997 ġiet adottata (id-Direttiva 2003/96/KE, id-derogi fid-Direttivi 2004/74/KE u 2004/75/KE).

Il-komunikazzjoni ppubblikata mill-Kummissjoni fis-sena 2000 dwar it-tassazzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni (COM(2000)0110) fissret sempliċement li d-Direttiva 2003/96/KE issa tipprevedi eżenzjoni obbligatorja mit-taxxa tas-sisa għal prodotti tal-enerġija pprovduti għall-użu bħala fjuwil tal-avjazzjoni, għajr għal titjiriet privati għal skopijiet ta' rikreazzjoni. Hija introduċiet għall-ewwel darba dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Istati Membri jintaxxaw fjuwil tal-avjazzjoni għal titjiriet domestiċi u, permezz ta' ftehimiet bilaterali, fjuwils użati għal titjiriet intra-Komunitarji.

Fl-2001, ġew proposti miżuri għall-promozzjoni tal-użu tal-bijokarburanti, inkluża l-possibilità tal-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa, u dawn ġew adottati fl-2003 bħala d-Direttiva 2003/30/KE.

**5.** Il-VAT fuq fjuwils oħra

Fl-2002, ġiet ippreżentata proposta għall-ġbir tal-VAT fuq il-gass naturali u l-elettriku, li stabbiliet li, fil-każ tal-impriżi, it-taxxa tinġabar fil-post ta' domiċilju tax-xerrej. Għall-konsumaturi finali, dan ikun il-post tal-konsum. Din il-proposta sadanittant ġiet adottata wkoll (id-Direttiva 2003/92/KE).

**6.** Inizjattivi reċenti

L-aktar inizjattiva reċenti tal-Kummissjoni kienet il-proposta dwar id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija (COM(2011)0169), li kellha l-għan li timmodernizza r-regoli dwar it-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija. Din tippermetti lill-Istati Membri jfasslu mill-ġdid l-istrutturi fiskali ġenerali kollha tagħhom b'tali mod li seta' jikkontribwixxi għat-tkabbir u l-impjiegi billi t-tassazzjoni tiċċaqlaq minn fuq ix-xogħol għal fuq il-konsum. Il-proposta ġiet irtirata f'Marzu 2015.

**D.** Ir-rwol tal-Parlament Ewropew

**1.** It-tassazzjoni fuq l-alkoħol u t-tabakk

Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-politika tat-tassazzjoni tal-UE fl-2002, il-Parlament ikkundanna l-politika tal-Kummissjoni rigward id-dazji fuq il-prodotti tat-tabakk u tal-alkoħol, u, b'mod partikolari, ċaħad l-armonizzazzjoni 'l fuq. Fl-2009, għalkemm il-Parlament esprima ruħu favur iż-żieda gradwali tat-taxxi fuq is-sigaretti u prodotti oħra tat-tabakk, ma laqax il-livell ta' taxxi propost mill-Kummissjoni.

**2.** It-tassazzjoni fuq iż-żejt minerali/l-enerġija

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-2002 dwar il-politika fiskali, il-Parlament sostna li l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" jeħtieġ li jkun applikat b'mod usa', partikolarment fis-settur tal-prodotti tal-enerġija. F'Ottubru 2002, il-Parlament ta opinjoni favorevoli għall-proposti dwar il-bijokarburanti u adotta emendi maħsuba biex isaħħuhom. Fl-2012, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar il-proposta tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija, li wara ġiet irtirata.

Dražen Rakić
05/2019